**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 60

il-Ħamis , 6 ta' Awwissu , 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Skużat |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Skużata |
| Sindku l-Pietà | Keith Tanti | Preżenti |
| Viċi-Sindku l-Iklin | Dr Dorian Sciberras | Preżenti |
| Sindku Ħal Balzan | Dr Ian Spiteri | Preżenti |
| Sindku San Ġiljan | Karl Gouder | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 59 li saret nhar il-Ħamis, 2 ta' Lulju 2015, ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder, u sekondat mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk hemmx xi ħadd mill-membri preżenti li xtaq xi kjarifika fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti.

Ma tressaq l-ebda punt.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li peress li kien hemm xi membri li ma setgħux idumu, il-Kumitat għandu jaqbeż ir-raba' item mill-aġenda u jkompli bl-items l-oħra li kienu ta' aktar importanza.

Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

***17:40pm is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, ħareġ mill-kamra.***

## 3. KORRISPONDENZA

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ressqet fuq il-mejda l-email mingħand is-Segretarju Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, fejn infurmat lil dan ir-Reġjun bil-ħatra tal-President il-ġdid, is-Sur Michael Fenech Adami. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, bagħtet din l-email lis-Sindki kollha fi ħdan ir-Reġjun. Għal din ir-raġuni, is-Sur Stefan Cordina ser jerġa' jassumi l-pozzizzjoni tiegħu bħala Viċi President ta' dan ir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri bl-email mingħand is-Segretarju Ezekuttiv ta' San Ġwann, is-Sur Kurt Guillaumier, fejn jixtieq jinforma lil dan ir-Reġjun li l-Kunsill Lokali ta' San Ġwann approva l-installazzjoni ta' żewġ CCTV Cameras. Waħda biex titpoġġa f'Naxxar Road/Vjal ir-Rihan, fil-viċinità ta' Mensija Bar. U oħra biex titpoġġa fi Triq il-Kampanella, ħdejn il-football ground ta' San Gwann.

Il-membri tar-Reġjun ma sabu l-ebda oġġezzjoni u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-Guard and Warden Service House Ltd. biex jibda l-proċess għall-installazzjoni ta' dawn iż-żewġ kameras.

Is-Segretarju Eżekuttiv, ressqet fuq il-mejda e-mail mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sinjura Marica Mifsud, biex jiġu approvati l-proġetti li ser isiru minn dan il-Kunsill bil-fondi li ngħataw mir-Reġjun.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard ser jagħmel il-bankini fi Triq il-Linja (TM); Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq il-Pjazzetta; u Triq Ħal Warda. Ser jagħti l-konkos fi Triq Hannibal u fi Triq San Pawl. Kif ukoll, ser isir *uprooting* ta' sigra fi Triq San Anton.

Il-membri tar-Reġjun ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

Il-President tar-Reġjun, is-Sur Michael Fenech Adami, xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-membri sabiex kemm jista' jkun il-Kunsilli Lokali taħt dan ir-Reġjun jinforma lil dan ir-Reġjun kif qed jintnefqu l-flus li tqassmu biex ikun hemm rendikont. Apparti minn hekk, is-Sur Fenech Adami xtaq ifakkar lill-membri preżenti sabiex jieħdu ħsieb li dawn il-flus jintnefqu fi proġetti li jkunu ġew approvati mir-Reġjun.

**4. MISTOQSIJIET**

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gourder, staqsa jekk ir-Reġjun jistax jieħu azzjoni immedjata fuq il-*clamping*. Staqsa jekk tridx tinħareġ sejħa bħala Reġjun jew jekk hemmx diġà xi ftehim eżistenti.

L-Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, informa lill-membri li s-servizz tal-*clamping* u *towing* jaqa' taħt il-kuntratt li r-Reġjun għandu mal-kumpanija Guard and Warden Service House Ltd. Is-Sur Soler issuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mas-Sur Kenneth De Martino fuq dan is-suġġett.

***17:45pm – Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti wasal għal din il-laqgħa.***

Is-Sindku ta' Ħal Balzan, Dr Ian Spiteri, ressaq il-problema li qed ikollu l-Kunsill Lokali tiegħu ma' Transport Malta. Huwa spjega kif f'Birbal Street kien hemm diversi aċċidenti tas-sewqan u hemm bżonn ta' azzjoni immedjata sabiex tippreveni dawn l-aċċidenti milli jsiru.

Dr Spiteri spjega kif peress li dawn it-Toroq huma arterjali, il-Kunsill kien talab diversi drabi sabiex isir restawr taz-żebgħa taż-żebra crossing u anke sabiex jitpoġġew tabelli aħjar.

Dr Spiteri qal li għandu e-mail mingħand rappreżentant tat-Transport Malta fejn ikkonferma li r-*refreshing* kien sar sena ilu u li x-xogħol pendenti għadu ma sarx. Spjega kif, jekk hemm bżonn, il-Kunsill għandu jingħata responsabilità ta' din it-Triq.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li r-*refreshing* taz-żebra crossing issir immedjatament sabiex ikun hemm prevenzjoni mill-aċċidenti tat-traffiku.

Is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche', ressaq il-problema li għandu fil-lokalità tiegħu minħabba l-kuntratturi.

l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, spjega li diġà qiegħed jikkoordina mal-impjegat tal-Kunsill Lokali tal-Gzira.

IL-President, is-Sur Michael Fenech Adami spjega kif waħda mil-laqgħat li kellu mal-On. Buontempo, kien ġie diskuss li 'l quddiem ir-Reġjun ser ikollu joħroġ sejħa għal *Health and Safety.* Il-Kumpanija magħżula tkun obligata li tibgħat *Health and Safety Officer* sabiex idur kull permess li jinħareġ mill-KunsillI Lokali. Jekk dan l-uffiċċjal ma jsib l-ebda permess, ikun meħtieġ li tinħareġ ċitazzjoni.

Is-Sindku ta' Ħal Balzan, Dr Ian Spiteri, staqsa dwar x'ser jiġri mill-Gwardjani Lokali.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif il-Unit ġiet formulata skont il-Legal Notice 153 (2015) u l-Gwardjani Lokali ser ikunu qed jitmexxew minn dan il-Unit. Ser ikun hemm ċans sabiex ir-Reġjun ikun jista' jikkonsulta ma' dan il-Unit, pero, id-deċiżjoni finali tkun dik tal-Unit.

Is-Sur Fenech Adami kompla jispjega li l-pagamenti kollha dovuta lil- dan ir-Reġjun ser imorru għand il-Unit u dan il-Unit ser ikun responsabbli li jħallas il-kontijiet. Kull sena għoxrin fil-mija tad-dħul ser jitqassmu ndaqs bejn ir-Reġjuni; erbgħin fil-mija ser jitqassmu lir-Reġjun; u l-aħħar erbgħin fil-mija ser jitqassmu skont il-prestazzjoni tar-Reġjun.

***17:57 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit wasal għal din il-laqgħa.***

Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, staqsa kif inħatar il-President tar-Reġjun.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li fuq ir-riżenja tal-President preċedenti, is-Sur Peter Bonello, kien hemm mozzjoni imressqa mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn kien ġie konfermat li s-Sur Michael Fenech Adami għandu jkun il-President il-ġdid ta' dan ir-Reġjun.

Is-Sur Keith Tanti xtaq ikun jaf fuq is-sistema tal-votazzjoni.

***18:00 Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, Is-Sur Paul Radmilli wasal għal din il-laqgħa.***

Is-Sur Michael Fenech Adami spjega li qabel il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, kienet infurmatu li hi kienet talbet kjarifika fuq dan il-punt mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. L-Assistent Direttur, is-Sur Pio Farrugia, irrefera l-mistoqsija lill-avukata ta' dan id-Dipartiment, Dr Angele Vella, fejn din ikkonfermat li l-President għandu jgħati l-vot tiegħu u f'każ ta' parità, l-President għandu wkoll il-*casting vote.*

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, xtaq jiġbed l-attenzjoni li l-għada, il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu 2015, kienet id-data tal-għeluq sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jissottomettu

l-punti tagħhom fuq it-tibdiliet li ser isiru fil-MEPA.

Is-Sur Radmilli spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu ser iressaq suġġerimenti fuq il-liġi l-ġdida. Pero, hu jixtieq li affarijiet ta' importanza bħal dan, għandhom jitqajmu u jiġu diskussi fil-laqgħat tar-Reġjun sabiex id-deċizjoni finali titressaq bħala Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri li dan ir-Reġjun ma kinx infurmat peress li l-emails li jintbgħatu lill-Kunsilli Lokali mhux dejjem jintbagħatu lir-Reġjun ukoll.

Is-Sur Radmilli spjega li aktarx huwa kien sar jaf b'din il-laqgħa permezz tal-gazzetti u mhux permess ta' email.

## 5. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ma kellu l-ebda komunikazzjoni min-naħa tiegħu.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Is-Sur Karl Gouder, sekondat mis-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 60. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 7. AFFARIJIET OĦRA

### *7.1 Letter of Reply to Management Letter*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiz li l-membri tar-Reġjun jingħataw ftit jiem ċans sabiex jaraw il-management letter kif ukoll ir-risposta. Jekk kien hemm xi oġġezzjoni jew jekk xi ħadd mill-membri xtaq ikollu kjarifikazzjoni, kellu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard mit-Tlieta 7 ta' Lulju 2015, f'nofsinhar. Peress li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mill-membri, il-President, is-Sur Stefan Cordina, kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw l-ittra sabiex tkun tista' tintbagħat minnufih.

### *7.2 Approvazzjoni fuq il-Firmatorju*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informal lill-memrbi li minħabba l-ħatra uffiċċjali ta' President ġdid, għandu jkun hemm approvazzjoni bejn il-membri kollha sabiex hu ikun il-firmatorju l-ġdid flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

### *7.3 Tender – 'Provision of Services of a Qualified Accountant'*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li fil-laqgħa preċidenti kien ġie deċiż li l-bord ghall-evalwazzjoni ta' dan it-tender għandu jkun magħmul mis-Sur Stefan Cordina, is-Sur Karl Gouder, is-Sur Stephen Sultana, u s-Sur Conrad Borg Manche.

Minħabba it-tibdil fil-Presidenza, hemm bżonn konferma jekk hux ser ikun hemm xi tibdil dwar dan.

Il-membri qablu li m'għandu jsir l-ebda tibdil.

### *7.4 Website għar-Reġjun*

Ghandha ssir website għar-Reġjun fejn fiha jkunu jistgħu jitpoġġew il-posters tal-avvenimenti li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun kif ukoll ritratti u informazzjoni ta' proġetti li saru mill-fondi li ngħataw lill-Kunsilli Lokali li jiffurmaw dan ir-Reġjun.

Għandu jkun hemm links fejn viżitaturi jkollhom aċċess għas-siti eletroniċi tal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

Għal din ir-raġuni, inġabru tliet kwotazzjonijiet u dawn qed jitressqu lill-membri.

Il-membri preżenti qablu li dan is-suġġeriment għandu jitqajjem aktar 'il quddiem wara li r-riforma tal-Gwardjani Lokali tkun ġiet stabillita.

### *7.5 Kwotazzjonijiet ghal CCTV Cameras fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun*

Hemm bżonn ta' sistema ta' CCTV Camers fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun bħala sigurtà u monitoraġġ. Għal din ir-raġuni qed jitressqu tliet kwotazzjonijiet. Kif jiġu nstallati dawn il-kameras, dan ir-Reġjun irid jara li jagħmel assikurazzjoni għal dan l-uffiċċju, hekk kif inhu mitlub mir-rapport tal-Awditur.

Il-membri preżenti qablu li għandha ssir riċerka ta' x'hemm bżonn li jkun hemm bħala assikurazzjoni u wara jidħlu aktar fid-dettal ta' dawn il-kwotazzjonijiet.

## 8. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY FINANCIAL STATEMENTS*

Il-President, is-Sur Fenech Adami, talab lill-accountant, is-Sur Brendan Camilleri, sabiex jidħol fil-kamra sabiex ikun jista' jippreżenta l-quarterly financial statements sa Ġunju 2015.

Is-Sur Brendan Camilleri informa lill-membri preżenti li saru l-aġġustamenti li kellhom isiru fuq il-bad debts u li għalkemm jidher li hemm telf kbir, l-ammonti juru stampa ċara tal-pożiżżjoni finanzjarja ta' dan ir-Reġjun.

Is-Sur Keith Tanti staqsa jekk id-distribuzzjoni li ssir mir-Reġjun lill-Kunsilli Lokali, hiex qed tiġi klassifikata bħala spiża.

Is-Sur Camilleri spjega li f'dan il-każ, it-tqassim ta' flus għandha tkun klassifikata bħala spiża tar-Reġjun.

Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk dawn ir-rapporti humiex qed jintbagħtu lill-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li f'kull laqgħa kopja ta' dawn ir-rapporti tingħata lil kull Sindku jew rappreżentant li jattendi għal dawn il-laqgħat sabiex umbagħad ikunu jistgħu jgħaddu dawn ir-rapporti lill-Kunsill rispettiv tagħhom.

Is-Sur Keith Tanti staqsa jekk ir-Reġjun jistax jieħu passi sabiex jiġri wara dawk il-kontravenzjonijiet pendenti li għandu dan ir-Reġjun.

l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, spjega li l-kumpanija Datatrak toffri servizz li jibgħatu ittri f'isem ir-Reġjun sabiex jinfurmaw lid-delinkwenti sabiex iħallsu l-multi pendenti mill-aktar fis possibli.

Il-membri qablu li dan il-proċess għandu jsir u għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-Datatrak mill-aktar fis possibli.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Brendan Camilleri talli kien preżenti f'din il-laqgħa u tal-ispjegazzjoni li ta fuq dawn ir-rapport.

***18:34 – Is-Sindku ta' Ħal Balzan, Dr Ian Spiteri, flimkien mas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, talbu sabiex jiġu skużati mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 9. PREŻENTAZZJONI MILL-KUMPANIJA LORNIT

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, talab lis-Sur Zammit sabiex jgħati spjegazzjoni tiegħu tas-sistema offruta mill-kumpanija, Lornit.

Is-Sur Zammit spjega li l-kumpanija tiegħu ħolqot programm sabiex tiffaċilita x-xogħol tal-impjegati fil-Kunsilli Lokali meta jkun irid jinħareġ permess. Jekk ikun hemm Kunsill Lokali interressat li jintroduċi dan il-programm fil-Kunsill Lokali tiegħu, huwa ser ikollu aċċess għat-toroq li jaqgħu taħt dak il-Kunsill u ma jkollux aċċess għal-permessi li qed jingħataw mill-Kunsill Lokali ta' ħdejh.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irrimarka li dan il-programm jista' jkun ta' benefiċċju kbir għal Kunsilli Lokali li jifformula dan ir-Reġjun

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ġibdet l-attenzjoni li jekk dan ir-Reġjun ikun interessat li jixtri dan il-programm għal Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun, ir-Reġjun ikollu joħroġ sejħa peress li l-ammont totali jirrikjedi tender.

Kien hemm qbil sabiex dan il-punt jitqajjem għal diskussjoni bejn il-membri kollha fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Zammit talli ta spjegazzjoni ċara ta' dan is-servizz.

**10. TMIEM**

Fis-7:05pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President